# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 18 ta' Jannar, 2001**

**Numru: 16**

**Citazzjoni Numru: 988/93 JF**

**Carmel Attard bhala direttur tas-socjeta' Attard Tipped Tools Ltd. u ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess.**

**vs**

**Stephen Demanuele u b'digriet tal-20 ta' Novembru 1997 Dr. Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Sharon Mizzi gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Stephen Demanuele.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut huwa debitur tal-attur nomine fis-somma ta' sebgha mija disgha u sittin lira u erbgha u sebghin centezmu (Lm769.74c) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar prezz ta' "furniture fittings" mibjugha u konsenjatai lilu;

Talab li din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur nomine is-somma ta' sebgha mija disgha u sittin lira u erbgha u sebghin centezmu (Lm769.74c) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1980/92SF u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja u cjoe' mit-13 ta' April 1992 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Demanuele li eccepixxa bir-rispett:

1) Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici imma se mai hija s-socjeta' Di Stefano Limited li hija debitrici tal-attur nomine.

2) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. Ray Zammit nomine fejn eccepixxa illi:

1) L-attur ma ipprocediex personalment u Attard Tipped Tools m'hijiex entita' giuridika u ghalhekk ma ghandhiex locus standi.

2) Illi l-eccipjent mhux edott mill-fatti u jitlob lill-attur jindikalu fejn jista' jikkomunika mal-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn eccepixxew:

1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ;

2) Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti;

3) Illi t-talba attrici hi preskritta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet lix-xhieda prodotta u rat ukoll id-dokumenti li gew esebiti mill-partijiet kontendenti;

Ikkunsidrat illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li originarjament il-konvenut proprio kien eccepixxa li hu m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici imma li <u>se mai</u> kienet is-socjeta' Di Stefano Limited li hija debitrici tal-attur nomine. In segwitu, u wara li l-legali tal-konvenut irrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut, kienu gew mahtura

kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-konvenut ghal fini ta' dawn il-proceduri u dana billi jirrizulta li, fil-mori tal-kawza, il-konvenut kien assenti u lanqas qatt ma kkomunika aktar mal-avukat tieghu. Mill-atti tal-kawza jirrizulta li, ghal xi raguni li tissemma' aktar tard, il-kuraturi pprezentaw zewg noti ta' eccezzjonijiet, u cjoe' wahda fid-9 a' Frar 1998 (ara fol. 77 tal-process) u ohra fis-26 ta' Ottubru 1998 (fol. 85). Iz-zewg noti ta' eccezzjonijiet m'humiex pero' identici. Fl-ewwel nota l-kuraturi eccepew li l-attur ma pprocediex personalment u li Attard Tipped Tools m'hijiex entita' guridika u ghalhekk ma kellhiex 'locus standi', mentri fit-tieni nota eccepixxa li t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, li l-eccipjenti ma kienux edotti mill-fatti (gja' eccepita); u li t-talba kienet preskritta.

Fil-kawza xehed l-attur Carmel Attard, bintu Sharon Attard u Andrew Zammit, l-"accountant" tas-socjeta' attrici. Il-konvenut minbarra d-dikjarazzjoni guramentata akkompanjanti l-ewwel nota ta' eccezzjonijiet tieghu, ma ressaqx ohrajn ghajr li esebixxa l-"invoices" mibghuta mill-kontroparti.

Irrizulta mill-atti li in forza ta' digriet moghti mill-Qorti in data tal-24 ta' April 1998, wara talba da parti ta' l-attur, giet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi l-kelma "Limited" giet mizjuda wara l-isem tal-kumpannija attrici. Il-Qorti, fid-digriet taghha (ara fol. 79 – 80) kienet ordnat notifika bic-citazzjoni kif korretta u dan allura

jispjega l-ghala l-konvenuti kuraturi deputati regghu pprezentaw sett ta' eccezzjonijiet ulterjuri (fol. 85 tal-process).

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta' attrici, kif rapprezentata minn Carmel Attard issupplit diversi oggetti lill-konvenut proprio. Huwa veru li jirrizulta li l-"invoices" inhargu fuq "Di Stefano" pero' b'daqstant ma jfissirx necessarjament li s-socjeta' attrici kienet effettivament innegozjat ma' socjeta' anonima u mhux mal-konvenut personalment. Mix-xhieda ta' Carmel Attard jirrizulta li biex jixtri l-merkanzija de quo dejjem deher il-konvenut Stephen Demanuele u l-fatt li f'xi stadju tal-ordnijiet dan ix-xerrej indika lill-venditur, jew ahjar lill-impjegati tas-socjeta' attrici fornitrici biex l-"invoices" jgu intestati bhala "Di Stefano" – b'daqstant ma jfissirx li allura n-negozju kien qieghed jigi kondott ma' socjeta' anonima u mhux mieghu personalment. Fil-qasam tal-kummerc, diversi huma dawk in-negozjanti li jiggestixxu n-negozji taghhom taht isem ta' ditta, minghajr pero' ma jkunu necessarjament taht il-kappa ta' socjeta' kummercjali anonima b'personalita' guridika distinta. F'kull kaz ukoll, il-konvenuti naqsu milli jippruvaw b'xi mod konvincenti dina l-eccezzjoni. Min-naha l-ohra l-attur nomine u xhieda minnu prodotta ippruvaw sufficjentement li l-kont kien tabilhaqq dovut kif muri fl-"invoices" – hekk ara dokumenti mmarkati minn AT1 sa AT12 (a fol. 48 – 59 tal-process) u ghall-ammont hemm indikat.

Illi dwar l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni sollevata mill-kuraturi deputati, ghandu jinghad li fl-ewwel lok ma gie indikat l-ebda artiklu specifikament u ghalhekk l-eccezzjoni kif moghtija hija infondata. F'kull kaz, ma tressqu l-ebda provi mill-konvenuti nomine in sostenn taghha. Dak li invece jirrizulta mill-provi huwa li l-konvenut proprio, qabel ma gie mharrek mis-socjeta' attrici, kien gja' hallas parti mid-debitu tieghu u dak li kien baqa' pendenti kien biss bilanc. Mill-provi li gew prodotti, ghandu ghalhekk jirrizulta li dak li talab l-attur nomine huwa dovut mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti nomine, kif ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati mill-konvenut proprio u mill-kuraturi deputati, tilqa' t-talba attrici kif dedotta u ghall-ammont mitlub kontra l-konvenut proprio et nomine bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-konvenut proprio, b'dana li provvizorjament id-drittijiet dovuti lill-kuraturi deputati konvenuti ikunu a kariku tas-socjeta' attrici, u rizarcibbli minghand il-konvenut proprio.

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI

Deputat Registratur

md